# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar, 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru  208/21TA**

**Il-Perit Nicholas Bianchi (ID 528860M), Igino Trapani Galea Feriol (ID 647842M), Dorothy Trapani Galea (ID 766332M), Anne Marie mart Dr Anton Tabone (ID 386367M), Dr Nicholas Trapani Galea Feriol (ID 417282M) mal-Perit Nicholas Bianchi (ID 528860M) f'ismu u f'isem l-assenti Colin Huber, Christopher Huber u John Huber (ulied Marlene mart Edgar Huber) bħala Eżekuturi Testamentari tal-eredita tal-mejta Emily Trapani Galea u Andre Bianchi (ID 629462M)**

**vs**

**L-Awtorità tal-Artijiet u b'digriet tat-22 ta' Gunju 2021 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Perit Nicholas Bianchi u ohrajn (ir-rikorrenti) tat-30 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

1. "Illi l-esponenti kienu proprjetarji  ta` porzjoni art fil-limiti ta` Ħ'Attard magħrufa bħala Tal-Marġ sive Tal-Fuklar ta` kejl superfiċjali ta` ċirka

15931m$^2$ kif murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A.

2. Illi din l-art ġiet akkwistata mill-Gvern taħt il-provvedimenti tal-Att 1 tal-1983 (Kap 303).

3. Illi fl-20 ta` Diċembru 2011 l-esponenti resqu rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fejn talbu li jiġi ffissat il-kumpens u b'sentenza tal-istess Bord tat-18 ta` Ġunju 2014 il-kumpens ġie ffissat għal €39,827.50 ( għal-intier).

4. Illi l-esponenti appellaw minn din is-sentenza iżda tali sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta` Marzu 2019 (Dok B).

5. Illi l-esponenti jikkontendu illi b'riżultat tal-premess ġew leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif ser jingħad.

6. Illi huwa prinċipju bażilari fid-dritt li jikkonċerna l-proprjetà illi kull min huwa sid għandu dritt assolut fuq ħwejġu u dan kif anke jinsab ribadit fl-Artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili li jirrifletti anke n-normi relattivi li jseħħu lura sad-dritt ruman. Illi fl-istat idejali dan ifisser illi kull min huwa proprjetarju għandu dritt li juża u jagħmel bi ħwejġu dak li jrid mingħajr ebda xkiel iżda kif anke huwa rifless fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 320 u 321 tal-Kodiċi Ċivili, tali dritt huwa limitat b'dak li hemm dispost fil-liġi.

7. Illi għalhekk, għalkemm l-esponenti kienu sidien assoluti fis-sehem imsemmi tal-proprjetà imsemmija, kien hemm restrizzjonijiet imposti fuq tali assolutezza magħmula bil-liġi u senjatament bil-fatt illi tali art ma ġietx meqjusa bħala art żviluppabbli u ma ġietx imdaħħla fl-ebda skema għall-iżvilupp u għalhekk b'riżultat ta` tali restrizzjoni, tali art ma setgħetx titqies bħala art fabrikabbli.

8. Illi meta sar l-Att 1 tal-1983 fuq imsemmi, l-art in kwistjoni ġiet meħuda immedjatament ex lege u dan billi l-istess liġi tipprovdi għall-immedjatezza tat-trasferiment tat-titolu tal-istess proprjetà u rriżervat favur l-esponenti, bħala dritt rejali, id-dritt kumpensattiv.

9. Illi fl-artikolu 6 tal-istess liġi huwa stipulat illi ex lege l-kumpens għal kull art meħuda bis-saħħa ta dik il liġi fis-sens li l-art għandha tiġi valutata bħala raba (rural Land) jew moxa (waste Land) u dan minkejja l-fatt illi t-teħid innifsu sar apposta sabiex wara li tittieħed l-art, l-iStat kien ġja ippjana li jneħħi r-ristrizzjonijiet li huwa stess impona sabiex u din l-art tiġi mibnija u żviluppata.

10. Illi fil-fatt wara li ħa l-art, l-iStat a benefiċċju tiegħu neħħa r-restrizzjoni tal-iżvilupp li kien hemm fuq l-istess art u kkonċeda d-dritt li l-istess art tkun tista tiġi żviluppata, kif fil-fatt ġiet żviluppata u llum tali art hija

*housing estate* b'toroq u anke intrapriża ta` natura kummerċjali kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

11. Illi l-esponenti jtennu minħabba l-premess, il-Gvern à benefiċċju esklussiv tiegħu u à skapitu tal-esponenti, gawda mill-proprjetà tal-esponenti u ta` dan l-esponenti jtennu li ma ġewx debitament kompensati senjatament minħabba l-fatt illi għalkemm il-liġi tipprovdi illi l-art għandha titqies bħala art mhux fabrikabbli, fir-realta, kien il-Gvern stess li neħħa tali restrizzjoni minnu stess preċedentement imposta u dan à benefiċċju tiegħu stess. F'dan il-każ l-iStat ma kien qed iżid xejn mal-istess proprjetà u ma kien qed jagħmel xejn lill-istess proprjetà iżda għal vantaġġ tiegħu innifsu, neħħa restrizzjoni li kienet ġa imposta mil-iStat.

12. Illi dan ħoloq żbilanċ kbir a detriment tal-esponenti. L-esponenti għalhekk itennu illi kontrarjament għal dak li intqal fis-sentenza fuq ċitata, l-esponenti għandhom dritt li jiġu debitament kompensati għall-valur tal-art bħal li kieku kienet waħda fabrikabbli u mhux bħal li kieku ma kienetx. Illi tali lezzjonijiet huma aktar aggravati bil-fatt illi l-art de quo, anke fis-sena 1983, kienet ċirkondata minn tlett naħat in parti bil-binja u in parti b'toroq.

13. Illi apparti dan, l-esponenti jtennu illi d-dewmien ta` medda ta` tmin snin sabiex jiġi determinat il-proċess ġudizzjarju fuq imsemmi li saħansitra ma ssodisfatx id-drittijiet tal-esponenti u kellhom jistennew il-konklużjoni tal-istess proċeduri sabiex jintavolaw ir-rikors odjern u dan billi altrimenti kien ikun hemm difiża li huma ma kienux eżawrew ir-rimedji ordinarji tagħhom, ifisser illi huma ma kellhomx smiegħ tal-ilment tagħhom fi żmien xieraq u raġonevoli.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara illi minħabba l-premess ġew leżi u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni;

ii. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti d-danni morali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti minħabba l-leżjonijiet sofferti mir-rikorrenti kif fuq premess;

iii. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti d-danni materjali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-premess liema danni materjali għandhom ikunu oltre dak ġa likwidati favur tagħhom fis-sentenzi fuq ċitati;

iv. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet (l-intimata Awtorita') tas-27 ta' April 2021 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament, kemm-il darba f'din l-azzjoni qieghed jigi ravvizzat xi ksur ta' drittijiet fundamentali minhabba l-applikazzjoni ta' xi ligi, l-Awtorita' tal-Artijiet m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju. Dan stante li l-Awtorita esponenti ma tfassalx u ma tippromulgax ligijiet hi anzi bhal kull haddiehor trid tottempera ruhha mal-ligi.

2. Illi in linea preliminari wkoll, fir-rigward ta' talba tar-rikorrenti li ma kellhomx smiegh xieraq fi zmien ragonevoli ai termini ta' Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma tistax tirrispondi ghaliha l-Awtorita tal-Artijiet u dan stante li dawn l-artikoli jirreferu ghall-dewmien fil-proceduri gudizzjarji. B'hekk lanqas f'dan ir-rigward l-Awtorita tal-Artijiet m'hijiex il-legittimu kontradditur.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ulterjorment fil-mertu qeghdin jigu eccepiti s-segwenti, kollha minghajr pregudizzju ghal xulxin:

a. Illi m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni u dan stante li tehid in kwistjoni sar skont id-dispozizzjonijiet tal-ligijiet applikabbli u ittiehed ghal skop pubbliku, fil-fatt ir-rikorrenti stess jistqarru fir-rikors promotur li l-Gvern zviluppa l-art ghall-skop ta' Social Housing, skop li certament huwa fl-interess generali.

b. Illi r-rikorrenti jsostnu li huma ghandhom dritt li jigu kompensati ghall-valur tal-art bhal li kieku kienet wahda fabrikabbli u mhux bhal li kieku ma kienetx. F'dan il-konfront ta' min jenfasizza illi li kieku ma kienx ghall-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, l-art tar-rikorrenti ma kinitx tkun fabrikabbli izda kienet tibqa' meqjusa bhala art agrikola. Dan johrog ampjament car u inekwivoku bil-fatt li l-Att tal-1983 kien minnu nnifsu jeskludi l-possibilita li tittiehed art meqjusa bhala wahda tajba ghal bini.

c. Illi in oltre, r-rikorrenti diga nghataw kumpens gust u adegwat ghal dan it-tehid liema kumpens gie likwidat mill-Bord tal-Arbitragg tal-Artijiet u kkonfermat mill-Qorti tal-Apell fis-sentenza moghtija nhar il-14 ta' Marzu 2019 (ara Dok B anness mar-rikors promotur), lieama kumpens gie mahdum u kkalkulat ai termini u in ottemperanza mal-ligijiet applikabbli.

d. Illi in oltre, fir-rigward ta' tieni talba tar-rikorrenti din it-talba ma tistax tintlaqa stante li l-ligi f'dawn il-kawzi taghti lok ghall-imghaxx mid-data ta' tehid liema mghaxx jinkorpora danni morali li diga gie moghti lill-atturi.

e. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, la Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ma jikkoncedu xi dritt lis-sid tal-art jaghmel xi profitt.

f. Illi minghajr prgudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li hemm ksur ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u/jew Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan stante li sabiex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragonevoli kif mitlub mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawn il-proceduri, b'mod partikolari;

i. In-natura u/jew il-komplessita' tal-kaz in kwistjoni;
ii. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza u
iii. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.

Illi b'hekk wiehed ma jistax jghid li hemm ksur u dan stante li dawn l-elementi m'humiex sodisfatti. In oltre, kull ezaminazzjoni ta' tali ksur ma jistax jigi determinat fl-astratt.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri inkluz ir-riserva li jintalab il-kjamant tal-Avukat tal-Istat."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-5 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi qabel xejn dawn il-proċeduri ma jistgħux jintużaw sabiex din il-Qorti tirrevedi l-ammont tal-kumpens li ġie ffisat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, kif konfermat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) (App Ċiv 30/11 – 14.03.2019). Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) hija ġudikat u skont il-massima ***res iudicata pro veritate habetur,*** il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti f'dik is-sentenza ma jistgħux jiġu mittiefsa;

2. Illi fil-mertu, l-ilmenti tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jingħataw f'din ir-risposta;

3. Illi safejn ir-rikorrenti qed jattakkaw id-dispost tal-**Att 1 tal-1983,** u b'mod partikolari dak li jipprovdi l-**artikolu 6 tal-istess Att** fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kumpens, l-esponent iwieġeb li t-tali Att mhuwiex leżiv għad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif

imħarsa taħt l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**;

4. Illi kemm taħt il-*proviso* tal-**artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll taħt il-*proviso* tal-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-propjetà skont l-interess ġenerali tal-pajjiż. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri li huma meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Tabilħaqq, ir-*ratio legis* wara d-dħul fis-seħħ tal-**Att 1 tal-1983**, kien wieħed bl-intiża li jiġu mħarsa l-interess ġenerali tan-nazzjon u dan tenut kont taċ-ċirkustanzi soċjo-ekonomiċi li kien hawn fil-pajjiż f'dawk iż-żminijiet;

5. Fir-rigward tal-ilment marbut mal-kalkolu tal-kumpens, l-esponent ifakkar li l-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara kemm il-darba li d-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 6** tal-**Att Dwar l-Arji għall-Iżvilupp tal-Bini,** mhuwiex leżiv għad-drittijiet fondamentali kif mħarsa taħt l-**artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.** Mid-dokumenti ġia in atti, u partikularment mill-kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: ***Gino Trapani Galea Feriol pro. et. noe. Vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Rik. Nru. 30/11) u deċiża fil-14 ta' Marzu 2019 (Dok. B), diġà huwa pjuttost evidenti li ċ-ċirkustanzi marbuta ma dan il-każ ma kienux differenti minn dawk ġia eżaminati mill-Qorti Kostituzzjonali f'sensiela ta' kawżi oħra bħal dawk fl-ismijet: ***Joseph Bartolo vs. Onor. Prim Ministru et. (****QK – 27.02.2009),* ***Emanuel Borg vs. Kummissarju tal-Artijiet*** *(QK – 13.07.2018)* u ***Maria Nicolina sive Marlene Azzopardi vs. Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali*** *(QK – 29.11.2019).* Huwa prinċipju sagrosant fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li ***argumentum simili valet in lege***, u għaldaqstant l-esponent ma jarax li din l-Onorabbli Qorti għandha titbiegħed minn din il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali;

6. Illi mill-aspett ta' proporzjonalità, l-**Att 1 tal-1983** ipprovda diversi mekkaniżmi sabiex iżomm bilanċ xieraq bejn l-interessi ġeneral tal-privat u l-interessi tal-kotra. L-ewwel nett, u bis-saħħa ta' dak li kien jiddisponi l-**artikolu 3(4) tal-Att 1 tal-1983**, l-ebda art li kienet żviluppabbli ma setgħet tintlaqat b'dak l-Att. Terġa' u tgħid li minn kif jirriżulta mill-**artikolu 4** tal-istess Att, id-definizzjoni ta' '*art li*

*titqies għall-bini'* kienet waħda pjuttost wiesa' u saħansitra kienet tinkludi wkoll artijiet li jkunu qrib akkwati mibnija skont kif spjegat fl-istess artikolu. B'żieda ma dan, it-tħaddim tal-**artikolu 5 tal-Att 1 tal-1983** lanqas ma kien japplika f'każ ta' artijiet li fuqhom kien hemm xi permess ta' żvilupp validu u dan skont kif provdut fl-artikolu. Miżura oħra li kienet ukoll immirata biex toħloq bilanċ mill-att ta' proporzjonalità kienet dik misjuba fl-**artikolu 7** tal-istess Att;

7. Illi anke jekk wieħed imbagħad kellu jixtarr l-ilmenti tar-rikorrenti mill-lenti purament fattwali, xorta waħda jirriżulta li tali lmenti huma wkoll b'kull rispett insostenibbli. Minn kif diġà ġie osservat mil-Qorti tal-Appell (Superjuri) fuq din il-vertenza in mertu, huwa innegabbli li l-art li ttieħdet mill-atturi kienet waħda agrikola, bil-konsegwenza li fil-mument tal-akkwist mill-Gvern ma kinitx meqjusa għall-bini u b'hekk ma setgħetx tiġi żviluppata. Kif tgħallimna l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-valur tal-art m'għandux jitqies mill-użu li kien beħsiebu jagħmel il-Gvern fil-futur iżda għandu jirrifletti biss il-valur tal-art fil-mument tal-akkwist. Peress li fil-mument tal-akkwist, l-art kienet waħda agrikola li ma setgħetx tiġi żviluppata, l-esponent ma jara xejn sporpozjonat jew inġust fir-rigward tal-fatt li r-rikorrenti ġew mogħtija kumpens li jirrifletti l-valur tal-art agrikola u mhux ta' waħda fabrikabbli. Bla ma hemm għalfejn jingħad, art agrikola ma tista' qatt iġġib valur li jkun ekwivalenti għal art fabbrikabbli, u b'hekk ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li kellhom jirċievu kumpens li jisboq il-valur tal-art li ġiet akkwistata mill-Gvern. Wara kollox dan diġà qalitu l-Qorti tal-Appell (Superjuri) *(ara f'dan is-sens, paġna 9 tas-sentenza – Dok B)*;

8. Illi safejn imbagħad ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-allegat 'dewmien' fil-proċeduri mibdija quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fl-ismijiet ta' ***Gino Trapani Galea Feriol pro. et. noe. vs il-Kummissarju tal-Artijiet**,* u kif sussegwentement deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-14 ta' Marzu 2019, l-esponent iwieġeb li ma jaqbilx li r-rikorrenti ġarrbu xi ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ li jkun. Huwa miżmum ukoll li ma hemm l-ebda '*time limit'* li awtorità ġudizzjarja trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha, għaliex

inkella l-interessi tal-ġustizzja jistgħu jiġu preġudikati minħabba għaġla żejda;

9. Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tar-rikorrenti taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġja lir-rikorrenti mit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi. Sewwasew fil-każ tallum f'din il-kawża ma jidhirx li kien hemm xi dewmien minħabba xi għemil jew nuqqas tal-Kummissarju tal-Artijiet jew tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Terġa' u tgħid li kwalsiasi dewmien li seta' kien hemm biex ġie appuntat l-appell mis-sentenza ta' quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet ma seta' qatt wassal lir-rikorrenti biex sfaw b'xi mod preġudikati. Dan għaliex minn kif irriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (ara Dok B), l-aggravji tar-rikorrenti dwar is-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet kienu nfondati tant li ġew miċħuda fis-sħiħ tagħhom;

10. Fl-aħħar nett, u sa fejn imbagħad din il-Qorti qed tintalab li ssib ksur tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea,** l-esponent filwaqt li jissenjala li r-rikorrenti naqsu għal kollox milli jissostanzjaw dan l-ilment fil-premessi, fl-istess waqt, l-esponent iwieġeb li, f'kull każ, ir-rikorrenti ma setgħu qatt ġarrbu xi ksur tal-jedd għal rimedju effettiv. Fl-ewwel lok, l-**artikolu 5(3) tal-Att 1 tal-1983** kien diġà jipprovdi rimedju appożitu lil sidien bħal rikorrenti sabiex jippreżentaw proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, u dan bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Minn naħa l-oħra u mill-lat dwar is-siwi kostituzzjonali u konvenzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-**Att 1 tal-1983**, ir-rikorrenti għandhom dawn il-proċeduri li ċertament jikkwalifikaw bħala rimedju effettiv sabiex jiġu mistħarrġa l-ilmenti tar-rikorrenti;

11. Illi għalhekk ladarba ma hemmx ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fis-sħiħ tagħhom;

12. Salv eċċezzjonijiet oħra kif permess bil-liġi.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Semgħet u qrat ix-xhieda li tressqu fil-perkors ta' din il-proċedura;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrenti kienu propjetarji ta' territorju fil-limiti ta' Ħat-Attard denominat Tal-Marg sive tal-Fuklar kif tidher fil-pjanta li ġiet esebita (a' fol 234 porzjon 8).

**2.** Fl-1983 ġiet fis-seħħ il-liġi tal-Aeri tal-Iżvillupp bis-saħħa tal-Att I tal-1983. L-art inkwistjoni ttieħdet u ġiet effettivament esproprijata mill-Gvern għall-żvillupp u b'konsegwenza t'hekk ir-rikorrenti marru quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet biex jitolbu kumpens. B'Sentenza ta' dak il-Bord tat-18 ta' Ġunju 2014 il-kumpens ġie iffissat fl-ammont ta' €39,827.50 għat-territorju kollu.

**3.** Ir-rikorrenti qegħdin jikkontendu li għalkemm fil-mument tat-teħid din l-art kienet agrikola, wara li ħadha, il-Gvern irrenda l-imsemmi territorju bħal żviluppabbli u ġiet żviluppata bħala housing estate u jgħidu ukoll intrapriża kummerċjali. Għalhekk qegħdin jilmentaw li l-kumpens li ingħataw abbażi li l-art hija agrikola ma hux wieħed adegwat u sodisfaċenti u dan għaliex il-liġi fuq imsemmija torbot idejn min għandu jiġġudika il-kumpens. L-art ġiet

meqjusa bħala agrikola meta fil-fatt ħarġu fuqha permessi għall-iżvillupp, liema permessi jawmentaw il-valur ta' din l-art b'mod astronomiku.

**4.** Għidu ukoll, li sakemm ġiet deċiża l-kawża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu 2019, ġie leż id-dritt tagħhom ta' smiegħ xieraq minħabba dewmien irraġjonevoli.

**Punti ta' Liġi**

**5.** B'dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jilmentaw li minħabba dak li ġara ġie miksur id-dritt tagħhom kif imħares minn artikolu 37 u l-1 artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Din il-Qorti sejra l-ewwel tgħaddi biex tqies dawn iż-żewġ artikoli.

*Art 37 u art l tal-L-ewwel Protokoll.*

**6.** L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi hekk:-

"*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta'*

*skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

**7.** Dan l-artikolu iħares id-dritt *"to the peaceful enjoyment of possessions the right to have, to use, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions. As the Court said in the Marks case "article 1 is in substance guaranteeing the right of property". Enjoyment is protected principally against interference by the State"* (Ara **Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, E. Van Djke, G.J.H. Van Hoof, second edition p. 516 et seq**). Pero' fl-istess ħin dan l-artikolu stess ma jannullax id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa <u>biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali</u> jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni. Anzi dan l-artikolu f'parti oħra tiegħu jaffermah.

**8.** Di fatti fis-**Sentenza deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Diċembru 1989 fl-ismijiet Perit Joseph Barbara -vs- Kummissarju ta' l-Art** ingħad li ħadd ma jista` jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh proprjeta` tiegħu jew iħalli lil ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku u bi ħlas ta' indennizz ġust. Affermazzjoni, li anke f'din il-kawża qegħdin jagħmlu r-rikorrenti.

**9.** Min-naħa l-oħra **f'Sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri tat-30 ta' Diċembru, 1993 fl-ismijiet Dr Carmelo Vella et -vs- Is-Segretarju tad-Djar et [LXXVII-II-390]** ingħad:

"*Il-pubbliku nteress li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-Awtorita` pubblika…..l-universalita` tar-res li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat."* U fis-**Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' April, 1996 fl-ismijiet Perit Dom Mintoff -vs- Onor Prim Ministru [LXXX-I-207**] il-Qorti eżaminat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u għamlet sunt tassew interessanti tal-każijiet imsemmija li huma l-aktar importanti fl-interpretazzjoni tal-Ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u bis-saħħa ta' hekk għamlet din l-osservazzjoni:

"*Minn kif tikkonkludi din il-Qorti jemergi minn din ir-rassenja ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-segwenti process mentali: Fl-ewwel lok, l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegi mhux biss kontra l-esproprjazzjoni vera u proprja fis-sens klassiku kif nafuh, izda anke kontra l-esproprjazzjoni de facto."* Għalhekk għall-fini ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni l-kelma "possessions" fit-text Malti "possedimenti" għandha tirċievi sinifikat ampju u fit-tutela taħt dan l-artikolu hemm inkluż ukoll dik kontra interferenzi fl-użu u t-tgawdija tal-proprjeta` u tad-drittijiet relattivi.

**10.** Fl-ewwel stadju tal-proċess mentali li jrid jagħmel il-ġudikant, għandu jiġi stabbilit, l-ewwel u qabel kollox, jekk effettivament kienx hemm esproprjazzjoni vera u proprja kif ukoll de facto jew inkella tħalliex integru d-dritt ta' proprjeta` pero` saret inġerenza u interferenza fit-tgawdija paċifika ta' l-istess.  Dan huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti għaliex bis-saħħa tal-Att I tal1983 ir-rikorrenti kienu klassikament esproprijati mill-artijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

**11.** Sussegwentement il-ġudikant irid jara jekk din il-privazzjoni saritx fl-interess pubbliku u taħt kundizzjonijiet ben definiti bil-liġi.  Fl-aħħar nett għandu jiġi rikonoxxut lill-Istat id-dritt u l-poter illi jirregola l-użu tal-proprjeta` in konformita` ma' l-interess ġenerali.  F'dan l-eżerċizzju, speċjalment f'dak finali, l-Istat għandu jgawdi marġini lat ta' diskrezzjoni, dejjem pero`, fil-limiti li jaċċertaw li bejn il-mezzi użati u l-għan konsegwit jesisti dak il-proporzjon li għalih jagħmlu referenza s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja u b'mod illi min ikun sofra inġerenza jew privazzjoni tal-proprjeta` tiegħu ma jkunx gie assoġġettat għal sagrifiċċju partikolari u esorbitanti jekk mhux ukoll eċċessiv.

**12.** Wara li jirrisulta li t-teħid kien tassew fl-interess pubbliku u li dan sar skont il-liġi, il-ġudikant għandu jagħti rimedju għal dak it-telf li ħafna drabi jkun jikkonsisti f'kumpens.  Issa fil-każ ta' espropjazzjoni ta' immobbli huwa l-kumpens li jħoll u jorbot u normalment dan dejjem ikun wieħed pekunjarju

jew jista' jagħti il-każ anke jkun ordnat ir-rilaxx ta' parti mill-propjeta' espropprijata.

*L-eċċezzjoni ta' res judicata*

**13.** L-Avukat tal-Istat qiegħed jeċċepixxi r-*res judicata,* fid-dawl tad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ Dwar l-Artijiet u kif konfermata din is-Sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu 2019.

**14.** Illi għal dak li jirrigwarda l-punti ta' dritt marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-Sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa meħtieġ, li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*).

**15.** Biex ma tantx jinħela ħin fuq din l-eċċezzjoni, din il-Qorti mhux ser toqgħod teżamina kull wieħed minn dawn l-elementi, imma dak li f'għajnejha mad-daqqa t'għajn jidher li huwa mankanti. F'dan il-każ huwa jirrigwarda jekk il-punt jesistix l-istess mertu bejn il-proċeduri ta' qabel u

dawk tal-lum u cioe' *eadem causa petendi.* Din tirrigwarda l-identita' ta' dak li diġa' ġie deċiż u dak li qiegħed jintalab f'din il-Kawża.

**16.** Irid qabel xejn jingħad ukoll, li l-ġudikat japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-causa petendi fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat (Ara **Sentenza P.A. tal-4 ta' Ġunju 1999 fl-ismijiet Cole Foods Limited -vs- Accent Clear Traders Company Limited**).

**17.** Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 1967 fl-ismijiet Grima vs Fava et** fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett li jikkostitwixxi dan l-element kostituttiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat.

**18.** Issa minn dan kollu din il-Qorti ma tilmaħ xejn f'din il-Kawża. Dan għaliex, fil-waqt li fil-Kawża l-oħra dak li kien qiegħed jintalab kien il-fissazzjoni ta' kumpens ġust għat-teħid tal-propjeta' mertu ta' din il-Kawża u għalhekk l-azzjoni kienet waħda ta' natura ċivili, f'dak li għandha quddiemha llum l-Qorti hija azzjoni ta' indole Kostituzzjonali li timporta ksur ta' dritt fundamentali. Għalhekk dawn il-proċeduri ma humiex in kontradizzjoni tal-kawża l-oħra, għaliex il-lite li għandha quddiemha llum,

huwa tax-xorta għal kollox differenti minn dak li dak li kellhom it-Tribunali u Qrati preċedenti. L-anqas ma jista' jingħad li dan l-element kien assorbit minn xi eċċezzjoni li ngħatat fil-proċeduri l-oħrajn.

**19.** Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun miċħuda.

*<u>Il-mertu</u>*

**20.** Il-Qorti tistqarr, li mad-daqqa t'għajn, meta l-ewwel darba rat l-atti u ma kienux għadhom tressqu l-provi, kellha sensazzjoni ta' sempatija mar-rikorrenti. Kif jista' jingħad li meta ittieħed territorju bħal dan u kif għidu fir-rikors tagħhom mhux biss biex ikun hemm housing estate iżda ukoll "<u>intrapiża ta' natura kummerċjali</u>" u ma jiġux ikkumpensati adegwatament? Iżda wara qieset, kemm huwa importanti li jitqiesu l-fatti u l-elementi legali kollha involuti qabel ma ġudikant jgħaddi malajr, b'għaġġla u mhux b'heffa, għall-ġudizzju tiegħu.

**21.** Jibda biex jingħad li l-Att I tal-1983 kien maħsub ghal teħid ta' art għall-skopijiet pubbliċi u mhux interessi privati. Għalkemm irid jingħad, li jista' jkollok każijiet fejn anke meta art tkun ittieħdet għal ħtiġiet tal-privat, bħal meta jkollok proġett massiċċ li ser joħloq ħafna impiegi u li ser ikollu posittivament "*ripple effect*" fuq l-ekonomija ġenerali tal-pajjiż.

**22.** Artikolu 5. (1) tal-Att I tal-1983 di fatti jiddisponi li "*Salv id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 7 u 8 ta' dan l-Att, b'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-Kamra msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-*

*Att, l-art kollha li tkun f'Area għall-Izvilupp tal-Bini għandha, bis-saħħa ta' dan l-Att u mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalita' oħra meħtieġa b'liġi, titqies għall-finijiet u effetti kollha ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra li hi art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut hi proprjeta assoluta, libera u franka minn kull piż, ipoteka jew privileġġ taħt id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza, u ma' dan, dawk id-dis-pozizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza li m'humiex inkompatibbli ma' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw għal dik l-art bl-istess mod u tant l-istess kondizzjonijiet daqslikieku l-art ġiet akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza".*

**23.** Issa minkejja dak li jingħad fir-rikors promotur tar-rikorrenti, jirriżulta li di fatti dawk il-ħwienet li jagħtu fuq Triq il-Pitkalija ma kienux ittieħdu mill-Gvern kif bħal donnhom jagħtu x'jifhmu r-rikorrenti. Huwa minnu pero', li Andrew Xuereb, li jaħdem fil-Housing Authority sezzjoni legali jixhed, li f'din l-area mhux biss djar residenzjali iżda hekk ukoll ħwienet kummerċjali (a' fol 710). Għid ukoll b'referenza għall-pjanta minnu esebita, li t-tlett biċċiet bl-aħdar ma jista' għid xejn għax ma jafx. F'din il-pjanta hemm imniżżel li areas "*marked with green include Conimex Supermarket in the upper parcels and various shops and dwellings in the other two parcels which were not allocated through home ownership scheme"* (a' fol 77). Skont ir-rikorrent Nicholas Bianchi fuq din l-art illum hemm Villel, djar, anke ħwienet hemm (a' fol 104).

**24.** Pero' din il-kwistjoni kienet kjarifikata meta Dr. Peter Borg Costanzi u Dr. Maria Camilleri ddikjaraw li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri hija l-art murija fil-pjanta a' fol 2 tal-proċess tal-LAB u liema art hija riflessa ossia interpretata fuq l-aerial photograph a' fol 30 tal-istess proċess. Iddikjaraw ukoll, li l-ħwienet fuq Triq il-Pitkali baqgħu propjeta' tas-sidien u ġew żvillupati minnhom jew mis-suċċessuri tagħhom u mhux parti minn dawn il-proċeduri (Verbal tal-21 ta' Ġunju 2022 a' fol 179). Dr. Maria Grech, senior manager tal-Kuntratti mal-Awtoritajiet tal-Artijiet ukoll tikkonferma "*li din il-pjanta teskludi l-parti t'isfel u cioe' il-hwienet li llum hemm presentement*". (a' fol 239). Issa lil din il-Qorti ma jirrisultalhiex li apparti dawn il-ħwienet hemm oħrajn fl-art li kienet meħuda u kif indikata fil-pjanta imsemmija.

**25.** Dan il-punt għandu importanza, għaliex li kieku kien mod ieħor, sakemm xorta ma jipprevaliex l-interess ġenerali fis-sens kif jirrispondi l-Avukat tal-istat fir-risposta tiegħu, l-eżitu ta' dawn il-proċeduri seta' kien mod ieħor minn dak raġġunt. Anzi Andrew Xuereb, uffiċjal fil-Housing Authority, għid li l-art minnu indikata ittieħdet għal Social Housing (a' fol 74). Dan għid ukoll li din l-art kienet għall-proġett ta' Home ownership scheme.

**26.** Għalhekk, l-ewwel ma jrid ikun ikkunsidrat hija kwistjoni dwar jekk dak li sar sarx bis-saħħa ta' liġi. Dan il-prinċipju ma jimportax kull liġi, iżda dawk il-liġijiet li tassew għandhom fil-qalba tagħhom mis-sewwa u li jsiru bil-ħarsien u rispetto kollu tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem. Di fatti

tajjeb li din il-Qorti tfakkar li l-Kostituzzjoni stess tiddisponi f'artikolu 65.(1) li:

"*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003*". (Emfażi tal-Qorti).

**27.** F'dan ir-rigward intqal li *"The principle of lawfulness is the first and most important requirement of Article 1 of Protocol No. 1. The second sentence of the first paragraph authorises a deprivation of "possessions" "subject to the conditions provided for by law" and the second paragraph recognises that States have the right to control the use of property by enforcing "laws". Moreover, the rule of law, one of the fundamental principles of a democratic society, is inherent in all the Articles of the Convention"* (**Lekić v. Slovenia, § 94; Iatridis v. Greece [GC], § 58; Former King of Greece and Others v. Greece [GC], § 79; Broniowski v. Poland [GC], § 147; Kurban v. Turkey, § 76**).

**28.** Għalkemm l-Att I tal-1983 kien is-sors ta' kontroversji u dibattiti meta ġie promulgat u għalkemm ukoll hemm xi tgħid dwaru inkwantu anke jaġevola t-tnaqqir tal-kampanja maltija, in fondo l-għan tiegħu huwa wieħed leġittimu. Di fatti l-istess Att saħansitra jipprovdi għal żewġ valutazzjoni ta'

art. Dawk li hija agrikola jew mgħoxa, kif kienet meqjusa l-art tar-rikorrenti u art li ma setgħetx titqies bħala tali għaliex diġa hemm żvillupp fuqha. Di fatti art 8 tal-Att inkwistjoni jiddisponi hekk:

"*Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att ma japplikawx għal –*

*(a) bini li diġa' jeżisti (barra minn bini li jokkupa art ta' area ta' inqas minn tmintax-il metru kwadru) sew jekk komplut sew jekk għadu qed jinbena jekk, fl-aħħar kaz bil-permess għal dak il-bini fid-data tad-dikjarazzjoni ta' l-art bħala Area għall-Iżvilupp tal-Bini, ikun għadu fis-seħħ skond id-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt il-Kodiċi; jew*

*(b) art li dwarha permess għall-bini jkun għadu fis-seħħ, fid-data tad-dikjarazzioni ta' l-art bħala Area għall-Iżvilupp ta' Bini. Skond id-dispozizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt il-Kodici;*

*jew (c) art użata bħala barriera".*

**29.** Dak li huwa importanti huwa li l-liġi ma tgħaddix bħal romblu taż-żrar minn fuq kull min għandu propjeta' mingħajr ma tieħu inkonsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi ta' kull sid. Għalkemm din il-liġi kienet meqjusa bħal waħda drakonjana tipprova pero', tagħmel din id-distinzjoni biex ma toħloqx sitwazzjonijiet ta' sproporzjonalita' sa fejn jirrigwarda l-kumpens li għandu jitħallas. F'dan ir-rigward intqal hekk:

*"The adequacy of compensation would be diminished if it were to be paid without reference to various circumstances that increased its value, such*

*as that the value of the expropriated property consisted not only of land but also of business activities, <u>for example a quarry</u>, that were taking place”* (**Werra Naturstein GmbH & Co Kg v. Germany, § 46; Azas v. Greece, §§ 52-53; Athanasiou and Others v. Greece, § 24**) (Emfażi tal-Qorti u dan għaliex art 8 tal-Att I tal-1983 propju jsemmi il-każ ta’ barriera).

**30.** Issa fil-premessa numru 11 tar-rikors ir-rikorrenti jilmentaw propju hekk:

“*Illi l-esponenti jtennu minhabba l-premess, il-Gvern a’ beneficcju esklussiv tieghu u a’ skapitu tal-esponenti, gawda mill-proprjetà tal-esponenti u ta` dan l-esponenti jtennu li ma ġewx debitament kompensati senjatament minħabba l-fatt illi għalkemm il-liġi tipprovdi illi l-art għandha titqies bħala art mhux fabrikabbli, fir-realta, kien il-Gvern stess li neħħa tali restrizzjoni minnu stess preċedentement imposta u dan à benefiċċju tiegħu stess. F’dan il-każ l-iStat ma kien qed iżid xejn mal-istess proprjetà u ma kien qed jagħmel xejn lill-istess proprjetà iżda għal vantaġġ tiegħu innifsu, neħħa restrizzjoni li kienet ġa imposta mil-iStat.*”

**31.** Għalhekk kjarament, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Gvern stess trasforma l-art tar-rikorrenti, huma għidu neħħiha, minn waħda indikata bħala rural jew waste land biex ġiet fabbrikabbli għall-benefiċċju tiegħu stess. Qabel kollox, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-ilment, li dak li għamel il-Gvern għamlu għall-benefiċċju tiegħu. Dak li sar tassew sar mill-Gvern, iżda dan finalment kien għall-benefiċċju ta’ mijiet ta’ ċittadini li saru sidien tagħhom.

Huwa minnu li s-sid għandu d-dritt assolut li jgawdi l-propjeta' u li dan huwa prinċipju antik, iżda tant ieħor huwa antik li l-propjeta' tista' tittieħed minn idejn privati fl-interess tal-kollettivita. Di fatti anke l-artikolu 321 tal-kodiċi Ċivili għid dan meta jiddisponi hekk:

*"Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust".*

**32.** Fil-fatt kemm artikolu 37 u kif ukoll artikolu 1 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni jipprevedu sitwazzjoni simili bħal dik imsemmija f'dan artikolu. Li ma kienx hekk, ħadd ma għix f'Soċjeta' iżda għix għar-rasu. Is-singuli ġieli jkollu jwarrab parti minn ġidu biex tingħata lill-kollettivita biex b'hekk issir res pubblica u ġid kommuni. L-aktar eżempju klassiku huwa l-ħlas tat-taxxi li fis-sewwa hija xorta oħra ta' espropjazzjoni tal-qliegħ li jagħmel kull individwu biex il-Gvern ikun jista' jissonvenzjoni servizzi tax-xorta kommunitarja.

**33.** Kif għidu sewwa ir-rikorrenti li *"artikolu 320 tal-Kodici Civili li jirriflettu anke in-normi relattivi li jsehhu lura sad-dritt Ruman".* Dan huwa kollu minnu, pero' dan irid ukoll jinqara fid-dawl tal-artikolu 321 fuq imsemmi. Irridu niftakru, li d-dritt ta' teħid ta' propjeta' għal skop pubbliku ma hux xi kunċett modern iżda jmur sa żmien tad-Diġesti ta' Gustinjanu fejn fost oħrajn kien jingħad li "*publicum ius est quod ad statum rei Romanae spectat, privatum quod ad singulorum utilitatem; sunt enim quaedam*

*publice utilia, quaedam private"* (**Ulpian, Dig. 1.1.1.2 ara ukoll Tony Honoré pubblikazzjoni intitolata Ulpian. Pioneer of Human Rights. 2th edition. Oxford, 2002**).

**34.** Aktar minn hekk huwa interessanti dak li josservaw l-awturi meta għidu li "*taking of property affected in persuance of a legitimate, social and economic or other policies may be in 'the general interest' even if the comminuty at large has no direct use in the enjoyment of the property taken"* (**P. Van Dijk u Van Hoof, Theory an Practice of the European Court of Human Right, 2nd Edit, pg 462** ara ukoll **Bradshaw and Others -vs- Malta u Zammit and Attard Cassar -vs- Malta, deċiża fit-30 ta' Lulju, 2015."**

**35.** Issa skont is-Sentenza tal-Appell "*Fis-sena 1983, l-art tar-rikorrrenti ma kienitx tkun fabbrikabbli li kieku ma kienx ghall-fatt li l-art ittiehdet* ***ghall-skop pubbliku*** *in forza tal-Att Dwar L-arei ghall-izvillupp tal-Bini. L-art per se ma kellha u ma kien ikollha ebda potenzjal ta' art fabbrikabbli, li kieku ma kienx ghall-agir tal-Gvern*" (a' fol 14). Kompliet tgħid "… li kieku s-sidien jingħataw kumpens għall-awment fil-valur konsegwenza tal-impatt tal-Att fuq l-art, ikun ifisser li s-sidien tkun ittieħditilhom l-art **għal skop pubbliku**, ikunu qegħdin jieħdu vantaġġ mill-awment fil-valur tal-art **minħabba l-iskop pubbliku** li għalih tkun ittieħdet l-istess art fejn qabel, cioe' meta ittieħdet, din l-art kienet agrikola" (a' fol 17 Emfażi tal-Qorti).

**36.** Li din l-art kienet agrikola saħansitra jirrikonoxxuha r-rikorrent għaliex fir-rikors tagħhom stess jilmentaw li bil-ħruġ tal-permessi għall-bini tad-djar, biddel id-destinazzjoni tal-art minn waħda agrikola għal waħda fabbrikabbli (Ara ukoll xhieda tal-Perit Bianchi a' fol 11 tal-proċess quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ).

**37.** Issa l-kwistjoni kollha imqanqla f'dawn il-proċeduri tirrigwarda punt wieħed: X'għandu jkun il-kumpens jekk hux dak ta' art agrikola jew dak ta' art fabbrikabbli b'dak li ġara. Qabel xejn, jidher li kemm is-Sentenzi u kemm l-Awturi jaqblu li dan għandu jkun marbut mal-prezz tas-suq fil-mument li ttieħed l-art. Di fatti intqal li "*The general measure of compensation is for an expropriation is stated in Pincova and Pinc -vs Czech Republic as one that is 'reasonably related to its market value, determined at the time of the expropriation*" (**Harris, O'Boyle and Warbrick, 4th Ed, pg 878**). Mhux hekk biss, iżda meta l-għan ikun wieħed soċjali, l-anqas il-prezz tas-suq ma huwa bil-fors dovut li jitħallas tant li "*In the James Case and in the Lithgo Case both the Commission and the Court adopted the view that the taking of property without payment of an amount reasonably ralated to its value would normaly consitiute a disproportionate interference. Legitimate objectives of "public interest", such as pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve a greater social justice, may however call for less than reimbursement of the full market value"* (**Van Djik and Van Hoof, Theorans Practice of the European Convention of Human Rights, 2nd pg 462**).

**38.** Il-liġi tagħna dwar kumpens ta' artijiet meħuda għal skop pubblika, ħadniha minn dik Ingliża u dwar dan il-punt ġie osservat hekk:

"*Any dispute over compensation so decided by the Lands Tribunal, from which appeal lies direct to the Court of Appeal. Compensation used to be assessed as at date of notice to treat, but unfairness of this rule when there had been delay and the fall in value of money has led the House of Lords to hold that the correct value is when compensation assessed or were possession is taken*" (**Administrative Law, 8th Ed, Wadw & Forsyth, pg 788-789**).

**39.** Issa mill-każ li li għandha quddiemha, din il-Qorti ssib li l-pussess tal-art inkwistjoni ttieħed ipso iure bis-saħħa ta' artikolu 5 tal-Att inkwistjoni u dan anke kif jirrikonoxxu r-rikorrenti stess fil-premessa numru 8 tar-rikors promotur. Kwantu għall-valutazzjoni jirriżulta li l-art ittieħdet fl-4 ta' Lulju 1983 (ara a' fol 66 ittra ta' G. Drago datata 15 ta' Lulju 1983). Mill-kuntratt fl-atti tan-nutar Diana Galea tat-30 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti oltre l-ammont ta' €39,827.50 dovuti bħala prezz tal-art irċevew ukoll somma oħra ta' €72,387 rappresentanti imgħaxijiet b'effett mill-4 ta' Lujlu 1983 li ovvjament għamlu tajjeb ukoll għad-dewmien.

**40.** Imma l-kwistjoni li għandha quddiemha timporta punt ieħor importanti. Ma hux wisq il-*puncto temporis* ta' meta kellha ssir il-valutazzjoni, iżda ukoll kif kellha tkun valutata jekk hux bħala art agrikola

jew dik fabbrikabbli. Li t-teħid kien ġustifikat diġa' huwa stabbilit, pero' issa jrid ikun deċiż b'liema prezz, dak ta' agrikolu jew dik fabbrikabbli. Li huwa żgur hu, li li kieku r-rikorrenti ma kienux espproprijati u għażlu li dak iż-żmien jitrasferuha lill-terzi, il-valur ċertament kien ikun wieħed agrikolu. Għalhekk il-loġika tgħid, li dak li kkonstatat il-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward għandha raġun. Di fatti ġie osservat hekk:

"*Where the expropriation of the land was aimed at providing residential homes in the context of the State's economic and planning policies, the Court accepted that <u>the domestic decisions designating the land as agricultural</u> for compensation purposes were not without reasonable foundation, and attached weight to the existence of procedural and other safeguards*". (Ara **Guide to art 1 Protocol One pg 38**).

**41.** Din il-Qorti għalhekk tasal għall-istess konklużjoni. Dan ifisser, li safejn jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti li d-drittijiet tagħhom kif imħarsa minn artikolu 37 u l-art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma għandhomx raġun għaliex ma kienx hemm ksur.

<u>*L-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.*</u>

**42.** Il-Qorti tibda biex tosserva, li fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom ir-rikorrenti ma ndirizzawhx dan il-ksur.

**43.** L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jfittex li jiżgura l-protezzjoni tal-liġi lill-individwu billi jeżiġi li "Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa

b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."

**44.** L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jfittex l-istess protezzjoni billi jeżiġi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu..., kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*."

**45.** Iż-żmien raġonevoli tal-proċedimenti huwa wieħed mill-aktar garanziji proċedurali importanti tad-drittijiet fundamentali għall-proċess ġust imnaqqax fl-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**46.** L-Artikolu 6 § 1 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom b'mod li l-qrati tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit. Dan jiġifieri li l-Qrati nazzjonali jkunu kapaċi jiggarantixxu lil kullħadd id-dritt għal deċiżjoni finali fuq kwistjonijiet ta' drittijiet u obbligi ċivili fi żmien raġonevoli (**Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 24; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 142**).

**47.** Dan l-obbligu japplika wkoll għall-Qrati Kostituzzjonali, għalkemm b'interpretazzjoni differenti tenut kont tal-irwol tagħhom, bħala gwardjani tal-Kostituzzjoni, li jqisu n-natura u l-importanza tal-każ f'termini politiċi u soċjali **(Süssmann v. Germany, § 56; Voggenreiter v. Germany §§ 51-52; Oršuš and Others v. Croatia [GC], § 109**).

**48.** Kif jingħad fir-Report of the European Commission on the Efficiency of Justice (CEPEJ), b'dan l-obbligu s-sistemi ġudizzjarji ġew tassew mogħtija għan ġdid: li jipproċessaw kull każ "*within an optimum and foreseeable timeframe*). F'dan is-sens il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) kemm-il darba saħqet fuq l-importanza li l-ġustizzja tiġi amministrata mingħajr dewmien li jista' jqiegħed l-effettivitá u l-kredibilitá tagħha fil-periklu (H. v. France, § 58; Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 61; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 224). Stat Kontraenti li nstab li vvjola dan ir-rekwiżit frekwentament u ħoloq kumulu ta' vjolazzjonijiet identiċi, ġie kemm-il darba meqjus mill-QEBD bħala Stat li jħaddan prattika inkompatibbli mal-Konvenzjoni. Dan għaliex tali vjolazzjonijiet jirriflettu sitwazzjoni kontinwa li għadha ma ġietx rimedjata u li għalhekk qed iċċaħħad il-partijiet minn rimedju domestiku. Il-QEBD qieset tali ċirkostanza bħala waħda li tikkostitwixxi ksur aggravanti tal-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni (ara **Bottazzi v. Italy [GC], § 22; Scordino v. Italy (no 1) [GC], § 225**).

**49.** Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.

**50.** F'dan ir-rigward id-*dies a quo* tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri ċivili huwa d-data li fiha l-ilment jew talba tiġi indirizzata quddiem il-Qorti domestika f'forma preskritta mill-liġi applikabbli (Ara Poiss v. Austria, § 50; Bock v. Germany, § 35; Portington v. Greece §20). Fil-każ odjern ir-rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ ġie presentat fl-20 ta' Diċembru 2011. Ġie iżda aċċettat li f'ċertu ċirkostanzi eċċezzjonali li l-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jibda jiddekorri qabel id-data li fiha l-applikant jippreżenta l-att li bih jibda l-proċeduri quddiem Qorti kontenzjuża (Ara **Golder v. the United Kingdom, § 32 in fine; Erkner and Hofauer v. Austria, § 64; Vilho Eskelinen and Others v. Finland [GC], § 65**). Dan meta, ad eżempju, azzjoni partikolari tkun teħtieġ li, qabel ma tiġi hekk istitwita, jittieħdu ċerti passi proċedurali preliminari (Ara **Blake v. the United Kingdom, § 40; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], §§ 207-208, u Koziy v. Ukraine, § 25**) jew ikun hemm impost bħala pre-rekwiżit l-obbligu li tiġi sottomessa applikazzjoni lil xi awtoritá amministrattiva bħal fil-każ tal-artikolu 469 A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta inkwantu jkun hemm okkażjonijiet fejn l-ewwel għandhom jiġu eżawriti r-rimedji ordinarji li tagħti l-liġi domestika. F'dak il-każ il-perjodu tal-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien għandu jinkludi wkoll din il-proċedura

amministrattiva preliminari mandatorja (Ara **König v. Germany, § 98; X v. France, § 31; Schouten and Meldrum v. the Netherlands, § 62; Kress v. France [GC], § 90; Siermiński v. Poland § 65**).

**51.** L-Artikolu 6 § 1 jista' jsib applikabbilitá wkoll fi proċeduri li, għalkemm ma humiex kompletament ġudizzjarji fin-natura tagħhom, huma madanakollu marbuta mill-qrib ma' superviżjoni minn korp ġudizzjarju. Dan kien il-każ, per eżempju, fi proċedura għall-qasma ta' patrimonju li tmexxiet fuq bażi mhux kontenzjuża quddiem żewġ nutara, iżda ġiet ordnata u approvata minn qorti (Ara **Siegel v. Franza, §§33-38**). It-tul tal-proċedura quddiem in-nutara, għalkemm strettament wieħed extra-ġudizzjarju, xorta ġie kkunsidrat fil-kalkolu taż-żmien raġonevoli.

**52.** Min-naħa l-oħra d-**dies ad quem** ta' dan il-kejl taż-żmien rilevanti huwa l-mument fejn l-ilment in disputa jkun ġie solvut b'sentenza li tkun definittiva, finali u eżegwita/enforzata. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Appell li ġie introdott fl-4 ta' Lulju 2014 ġie deċiż fl-4 ta' Marzu 2019 u l-ħlas sar bil-kuntratt fuq imsemmi ftit xhur wara (Ara **Poiss v. Austria, § 50; Blake v. the United Kingdom §40**). Dan iż-żmien għalhekk ikopri wkoll l-istadju tal-appell (Ara **König v. Germany, § 98 in fine; Kudła v. Poland §122**) u ma jeskludix l-istadji sussegwenti s-sentenza fuq il-mertu (Ara **Robins v. the United Kingdom, §§ 28-29**). Jekk qorti tiddeċiedi li tikkunsidra t-talbiet tal-attur separatament, it-tmiem tal-proċeduri ċivili ġie

determinat bħala dak il-mument fejn it-talbiet kollha jkunu ġew ikkunsidrati (Ara **Makarova v. Russia § 35; Silva Pontes v. Portugal §33**).

**53.** L-eżekuzzjoni ta' Sentenza mogħtija minn qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċeduri għall-finijiet ta' kalkolu taż-żmien rilevanti fit-termini tal-Artikolu 6 (Ara **Martins Moreira v. Portugal, § 44; Silva Pontes v. Portugal, § 33; Di Pede v. Italy, § 24; Hornsby v. Greece §40**). Iż-żmien ma jieqafx għaddej sakemm id-dritt asserit fil-proċeduri jsir effettiv (Ara **Estima Jorge v. Portugal, §§ 36-38**). Proċeduri quddiem Qorti Kostituzzjonali jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni fejn, għalkemm ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu, is-sentenza mogħtija minnha taffettwa r-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem qrati ordinarji (Ara **Deumeland v. Germany, § 77; Pammel v. Germany, §§ 51-57; Süssmann v. Germany, § 39**). Fil-każ ta' ntervent ta' terzi fi proċeduri ċivili, issir distinzjoni skont jekk it-terz in kwistjoni intervjeniex fil-proċeduri domestiċi f'ismu stess jew bħala werriet. Fil-każ tal-ewwel, il-perjodu għandu jiġi kkunsidrat li jibda jiddekorri mid-data li fiha t-terz intervjena fil-proċeduri. Fil-każ tat-tieni, it-terz jista', fil-kwalitá tiegħu ta' werriet, jilmenta dwar it-tul kollu tal-proċeduri (Ara **Scordino v. Italy (no. 1) [GC], § 220**).

**54.** Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandu jiġi determinat f'kull każ speċifiku fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tiegħu "*magħdudin flimkien b'effett kumulattiv*" u globali (Ara **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta'**

**Frar 2016; Frydlender v. France [GC], § 43); Obermeier v. Austria, § 72; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC], § 23; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 214**).

**55.** Ċertu tul fi stadji differenti tal-proċeduri jista', fih innifsu, ma jitqiesx bħala irraġonevoli. Iżda meta meqjus komplessivament u b'mod kumulattiv, jista' jirriżulta in eċċess tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ara **Deumeland v. Germany, § 90; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], §§ 210-11**). Dewmien fi stadju partikulari tal-proċeduri jista' jkun permissibli sakemm it-tul kollu tal-proċedimenti ma jkunx eċċessiv (Ara **Pretto and Others v. Italy, § 37**). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m'għandux jimmina l-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Ara **Boddaert v. Belgium ċitata supra § 39; ara wkoll Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marzu 2015, para 27**).

**56.** Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn **Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany**

**[GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209**).

**57.** Dawn huma: (i) il-kumplessità tal-każ; (ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta; (iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess; (iv) l-importanza tal-każ għall-attur;

**58.** Il-kumplessitá tal-każ tista' tinsorġi kemm minħabba kwistjoniijiet fattwali u proċedurali kif ukoll minħabba kwistjonijiet legali (Ara **Katte Klitsche de la Grange v. Italy, § 55; Papachelas v. Greece [GC], § 39**). Każ jitqies fattwalment u/jew proċeduralment kumpless meta jinvolvi numru kbir ta' partijiet (Ara **H. v. the United Kingdom, § 72**) jew il-produzzjoni ta' volum kbir ta' provi u/jew numru kbir ta' smiegħ ta' xhieda jew ikun jenħtieġ numru kbir ta' rapporti peritali (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC] (§ 210**). Każ jitqies legalment kumpless minħabba nuqqas ta' preċedent fuq livell nazzjonali, jew il-ħtieġa li tintalab deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewopea (QtĠ) dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-liġi Ewropea (Ara **Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], § 212**).

**59.** Ġie stabbilit ukoll li anki jekk il-każ fih nnifsu ma jkunx partikolarment kumpless, in-nuqqas ta' kjarezza u prevedibbiltá fil-liġi jista' wkoll jagħmel l-eżami diffiċli u deċiżivament jikkontribwixxi għad-dewmien tal-proċeduri (Ara **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 150**).

Il-QEBD irrikonoxxiet li każijiet kumplessi jenħtieġu aktar żmien biex jiġu konklużi madanakollu stqarret li l-kumplessitá fiha nnifisha mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal li xorta jistgħu jwasslu għal vjolazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli (Ara **Matoń vs Poland, QEBD, 9 ta' Ġunju 2009, §30; Rutkowski Rik. Nru. 166/22TA 42 and Others v. Poland, QEBD, 7 ta' Lulju 2015, § 137**). Difatti fil-każ Cipolletta v. Italy il-QEBD, għalkemm għarfet il-kumplessitá ta' proċeduri ta' insolvenza, sabet li tul ta' madwar ħamsa u għoxrin sena u sitt xhur ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "żmien raġonevoli" (ara §44). Tabilħaqq il-kumplessitá waħidha tal-każ ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies bħala raġonevoli (Ara **Ferrantelli u Santangelo vs Italy, QEBD, 7 ta' Awwissu 1996, § 42**).

**60.** Il-QEBD tikkonsidra li l-persuna konċernata hija meħtieġa biss li turi diliġenza fit-twettiq tal-każ tagħha, li żżomm lura milli tuża tattiċi ta' dewmien u li tużufruwixxi ruħha mill-azzjonijiet disponibbli fil-liġi domestika għat-tqassir tal-proċeduri. Iżda ma hija taħt l-ebda dmir li tieħu azzjoni li ma hiex adattata għal dak il-għan (Ara **Unión Alimentaria Sanders SA vs Spain, QEBD, 7 ta' Lulju 1989, § 35**). L-Artikolu 6§1 ma jeħtieġx li l-parti li qed tilmenta tikkopera b'mod attiv ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji biex tħaffef il-proċeduri. Lanqas ma titqies responsabbli għad-dewmien fejn tkun għamlet użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli għaliha (Ara **Erkner and Hofauer v. Austria § 68**) jew minħabba l-konsegwenzi marbuta mal-kundizzjoni medika tagħha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania**

**[GC], § 211**). Ġie stabbilit iżda li tali kondotta, għalkemm ma titfax ħtija fuq l-parti konċernata għad-dewmien kawżat, "*għandha jkollha relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut*".

**61.** L-awtoritajiet nazzjonali min-naħa tagħhom lanqas ma jistgħu jinżammu responsabbli għal-dewmien ikkawżat b'riżultat ta' dan l-aġir (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Tabilħaqq, il-kondotta tal-parti li qed tilmenta għandha tiġi kkunsidrata fid-determinazzjoni tar-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli impost fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għaliex tikkostitwixxi fatt oġġettiv li l-istat m'għandux kontroll fuqha u li għalhekk ma jistax jiġi attribwit lilu.

**62.** Ġie iżda stabbilit li l-istat ma jistax jinqeda bl-imġieba tal-applikant sabiex jiġġustifika perjodi ta' inattivitá. Huwa meħtieġ għalhekk li l-kondotta tal-qrati f'dan ir-rigward tiġi analizzata. Dan jiġifieri li jiġu eżaminati l-azzjonijiet u l-miżuri li ħadu l-Qrati sabiex iħeġġu l-partijiet fil-proċeduri iwettqu b'mod attiv id-dmirijiet proċedurali tagħhom. Il-QEBD irriteniet f'iktar minn okkażjoni waħda li l-Qrati domestiċi ma jistgħux jibqgħu indifferenti għall-abbuż mill-partijiet tad-drittijiet proċedurali u dewmien persistenti fil-proċeduri: l-attitudni tal-partijiet ma teżonerax lill-Qrati mid-dmir tagħhom li jiżguraw is-smiegħ xieraq tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli impost fl-artikolu 6 § 1 (Ara **Pafitis and Others v. Greece § 93; Tierce v. San Marino § 31; Sürmeli v. Germany [GC] § 129; Guincho v. Portugal §32; Buchholz v. Germany §50; Capuano v. Italy**

**§§24-25; Baraona v. Portugal §48; Martins Moreira v. Portugal §46; Neves e Silva v. Portugal §43; Union Alimentaria Sanders S.A. v. Spain §§34; Vernillo v. France §30; Scopelliti v. Italy §25; Ciricosta and Viola v. Italy §30; Mincheva v. Bulgaria § 68**).

**63.** Kif ritenut, "filwaqt li l-Istat ma jaħtix ta' ksur ta' d-dritt għal smigħ xieraq minħabba l-għamil jew dewmien imnissel mill-parti li kontra tagħha l-applikant iressaq proċeduri ċivili, jew minħabba n-nuqqas ta' tħabrik minn avukat maħtur għall-applikant ukoll jekk bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, "*in non-criminal cases, States have been held responsible for delays in civil and administrative courts in performing routine registry tasks, in the conduct of the hearing by the court ... and for delays caused by lack of co-ordination between administrative authorities"* (**Harris, O'Boyle & Warbrick Op. cit., paġ. 225** u ara ukoll **Nicholas Debono et vs Reġistratur Prinċipali tal-Qrati tal-Ġustizzja et, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 29 ta' April 2003**).

**64.** Eżempji li jikkonċernaw il-kondotta tal-parti li qed tilmenta jinkludu s-segwenti:

a. nuqqas ta' ħeġġa mill-partijiet biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. Dan in-nuqqas ġie meqjus bħala kontributur deċiżiv għad-dewmien fil-proċeduri (Ara **Vernillo v. France, § 34**); b. bidliet frekwenti u ripetuti tal-avukat difensur (Ara **König v. Germany, §103**); c. talbiet jew omissjonijiet li jħallu impatt fuq it-tmexxija tal-proċeduri (Ara **Acquaviva v.**

**France § 61**); d. nuqqas ta' diliġenza fil-passi proċedurali meħuda (Ara **Keaney v. Ireland, § 95**); e. tentattivi biex tiġi żgurata transazzjoni tal-kawża barra l-Qorti u cioe' out-of-court settlement. (Ara **Pizzetti v. Italy, § 18; Laino v. Italy [GC], § 22**); f. proċeduri istitwiti erronjament quddiem qorti nieqsa mill-ġurisdizzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**); g. litigazzjoni kontenzjuża esternata bil-preżentata ta' għadd konsiderevoli ta' rikorsi bi pretensjonijiet addizzjonali (Ara **Pereira da Silva v. Portugal, §§ 76-79**).

**65.** L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet kollha tiegħu: mhux biss għall-organi ġudizzjarji, iżda għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha (Ara **Martins Moreira v. Portugal, § 60**). Dewmien attribwibbli lill-Istat biss jiġġustifika sejbien ta' vjolazzjoni tal-artikolu 6 § 1 minħabba nuqqas ta' konformitá mar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli (Ara **Buchholz v. Germany §49; Papageorgiou v. Greece § 40; Humen v. Poland [GC], § 66**).

**66.** Kif sewwa rriteniet il-**Qorti Kostituzzjonali fil-kawża John Bugeja vs L-Avukat Ġenerali et, 11 ta' Awwissu 2003**, "*d-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t' amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-*

*ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f' pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: '…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision Salesi vs Italy (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility'"* **Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994) –** (ara ukoll **A.P. vs Italy 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18) u Von Maltzan and Others v. Germany (dec.) [GC], § 132**).

**67.** Ġie madanakollu stabbilit li "*Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies dewmien mhux ragjonevoli.*"(Ara **Buchholz vs Germany paragrafu 49**. Ara wkoll **Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001**), iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Per eżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat (Ara **Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja, Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95**). Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef (Ara **Capuano vs L-Italja, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31**). [Difatti ġie stabbilit li r-responabbilitá ta' dewmien kaġunat minn differimenti ħabba nuqqas ta' attendenza tal-persuni rilevanti (bħal xhieda, ko-akkużati u

rappreżentanti legali) taqa' fuq il-Qrati nazzjonali (Ara **Tychko v. Russja, § 68; ara wkoll Andrew Ellul Sullivan et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ġunju 2008**). Ġie stabbilit ukoll, kif ġia ingħad fil-kunsiderazzjoni tal-kriterju preċedenti, li l-attitudni passiva tal-partijiet ma jeħlisx lill-Qrati mill-obbligu li jiżguraw is-smiegħ tal-proċess ġudizzjarju għeluq żmien raġonevoli kif rikjest fl-artikolu 6 § 1 (ara sentenzi ġia ċitati supra).

**68.** L-istess huwa l-każ għad-dewmien kawżat mill-ħtieġa ta' perizja teknika u minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li ġew maħtura tul is-snin f'dawn il-kawżi, kien il-poter-dover tal-Qorti illi tiżgura li tali dewmien ma jiġix permess. Kif spiss saħqu l-qrati tagħna, fl-aħħar mill-aħħar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li l-periti ġudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi żmien raġjonevoli mingħajr il-ħtieġa li toqgħod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni (Ara **PA Joseph Gatt et v. Avukat Ġenerali, 29/07/2013 [deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014** u **Zakkarija Calleja vs. Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Lulju 2013; ara wkoll Capuano v. Italy §§ 30-31; Versini v. France § 29; Sürmeli v. Germany [GC], § 129)**. Il-QEDB sabet ukoll li bidliet ripetuti tal-imħallef "*ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew*" (Ara **Lechner u Hess vs L-Awstrija, Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58**). Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta'

każijiet ma tiġġustifikax proċedimenti eċċessivament twal (Ara **Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64**). L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati (Ara **Martins Moreira vs Il-Portugall, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60**). Għalhekk ladarba huwa fuq l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom b'tali mod li jiggarantixxu d-dritt għal deċiżjoni finali fi żmien raġoevoli, l-eżistenza ta' ammont eċċessiv ta' xogħol ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni (Ara **Vocaturo v. Italy § 17, Cappello v. Italy § 17**)]... madanakollu, xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema (Ara **Probstmeier vs Il-Ġermanja, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64** ara wkoll]. Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari (Ara **Milasi vs L-Italja, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18**). Eżempju ta' dan huwa meta jiġu indirizzati l-kawżi skont il-priorità, l-urġenza u l-importanza tagħhom, b'mod partikolari x'ikun hemm involut għal persuni konċernati.

**69.** Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema (Ara **Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu 29** u kif wkoll **Guincho v. Portugal § 40**]. L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom

ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.” (**Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta’ din il-Qorti**).

**70.** Tabilħaqq, il-fatt li tali sitwazzjonijiet ta’ backlog saru komuni, ma jistgħax jiġġustifika t-tul eċċessiv tal-proċeduri (Ara **Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40**). Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta’ riforma mmirata biex tħaffef id-determinazzjoni tal-każijiet lanqas ma jista’ jiġġustifika dewmien għaliex l-Istat xorta jkun qiegħed jonqos mid-dover tiegħu li jorganizza d-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni ta’ dawn il-miżuri b’mod li jevitaw dan id-dewmien f’kawżi pendenti (Ara **Fisanotti v. Italy § 22**). F’dak ir-rigward, l-adegwatezza jew le tar-rimedju domestiċi introdotti minn Stat Membru biex jipprevjeni jew jipprovdi rimedju għall-problema ta’ proċeduri eċċessivament twal għandhom jiġu vvalutati fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti (Ara **Scordino v. Italy (no. 1) [GC], §§ 178 et seq. and 223**).

**71.** L-istat inżamm ukoll responsabbli għan-nuqqas ta’ konformitá mar-rekwiżit ta’ żmien raġonevoli f’dawn il-każijiet: a. fejn kien ammont eċċessiv ta’ attivitá ġudizzjarja li ffokat biss fuq l-istat mentali tal-applikant għal aktar min disa’ snin (Ara **Bock v. Germany § 47**); b. Strajk minn membri tal-Kamra tal-Avukati. Għalkemm minnu nnifsu dan ma rrendix Stat Membru responsabbli għar-rigward tar-rekwiżit taż-żmien raġonevoli, l-isforzi magħmula mill-Istat biex inaqqas kwalunkwe dewmien riżultanti minn dan

l-istrike ġew kkunsidrati sabiex jiġi determinat jew dan ir-rekwiżit ġiex osservat (Ara **Papageorgiou v. Greece § 47**); c. Għalkemm ma hijiex il-funzjoni tal-Qorti li tanalizza l-mod li bih il-qrati nazzjonali nterpretaw u applikaw il-liġi domestika, ġie meqjus li t-tħassir min qrati superjuri ta' deċiżjonijiet ta' qrati inferjuri u r-rinviju tal-każ lura lilhom huwa ġeneralment dovut għall-iżbalji mwettqa mill-istess qrati inferjuri. Ir-ripetizzjoni ta' sentenzi konsegwenza ta' dawn l-iżbalji tindika nuqqas fis-sistema ġudizzjarja (Ara **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 147**).

**72.** Jista' jirriżulta minn eżami komplessiv tal-proċeduri kollha li, l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm ikunu tqiesu responsabbli għal ċerti difetti proċedurali li kkawżaw dewmien fil-proċedimenti, jkunu xorta kkonformaw mad-dmir tagħhom li jisimgħu il-każ egħluq iż-żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6 (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 211**). Il-kondotta ta' Qorti Kostituzzjonali wkoll tiġi eżaminata billi, kif ġia ingħad, hija wkoll marbuta bl-obbligu mpost fl-artikolu 6§1, għalkemm b'interpretazzjoni differenti. Għal eżempju ta' proċeduri irraġonevolent twal quddiem qorti kostituzzjonali, (ara s-**Sentenza Project-Trade d.o.o. v. Croatia, §§ 101-102**).

**73.** Ċerti fatturi partikolari li jinvolvu lill-applikant jistgħu jenħtieġu l-applikazzjoni ta' standards iktar rigorużi biex jiġi assigurat li l-proċeduri jingħataw prijoritá, jiġu trattati b'urġenza u ndirizzati b'iżjed ħeffa. Għandu

għalhekk jitqies jekk l-awtoritajiet applikawx din id-diliġenza speċjali fil-konsiderazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċeduri (Ara **Abdoella v. the Netherlands ċitata supra § 24; Starokadomskiy v. Russia (no. 2), 13 ta' Marzu 2014, §§ 70-71**).

**74.** Każijiet fejn ġie stabbilit li kellu jiġi applikat diliġenza speċjali minħabba dak li kien hemm involut għal persuna li qed tilmenta jinkludu s-segwenti: 1. fejn l-applikant huwa afflit b'mard ta' theddid għal ħajja u/jew etá avvanzata (Ara **X vs France §§ 45 u 47; Pailot v. France § 68; A. and Others v. Denmark §§ 78-81**); 2. każijiet li jikkonċernaw it-tfal bħal kustodja (Ara **Hokkanen vs Finland § 72; Niederböster v. Germany § 39**) jew rimozzjoni illeċta ta' minuri minħabba li d-dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ (Ara **Hoholm vs Slovakia § 51**). Dan speċjalment fejn it-trapass ta' żmien jikkaġuna konsegwenzi irriversibli fir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (Ara **Tsikakis v. Germany §§ 64 and 68**). Każijiet li jikkonċernaw ir-responsabbilitá tal-ġenituri u d-drittijiet ta' aċċess ukoll jitolbu spedizzjoni partikolari (Ara **Paulsen-Medalen and Svensson v. Sweden § 39; Laino v. Italy [GC] § 22**). 3. kawżi li jikkonċernaw tilwim relatat ma' pensjonijiet (Ara **Borgese v. Italy § 18**)), inkluż pensjoni ta' disabilitá (Mocié v. France § 22) jew ma' mpjieg (Ara **Vocaturo vs Italy § 17; Bauer vs Slovenia §19; Ruotolo v. Italy § 17; u Frydlender v. France [GC] § 45**) – bħal jekk il-kwistjoni involuta tirrigwarda aċċess għal professjoni liberali (Ara **Thlimmenos v. Greece [GC] §§ 60 u 62**), l-għajxien professjonali kollu tal-applikant (Ara **König v. Germany §**

**111**), il-kontinwazzjoni tal-okkupazzjoni tal-applikant (Ara **Garcia v. France § 14**), appell kontra tkeċċija (Ara **Buchholz v. Germany § 52; Frydlender v. France [GC] § 45**), is-sospensjoni tal-applikant (Ara **Obermeier v. Austria § 72**), transfers (Ara **Sartory v. France § 34**) jew reinstatements (Ruotolo v. Italy § 117), jew fejn l-ammont mitlub huwa ta' importanza vitali għall-applikant (Ara **Doustaly v. France § 48**). 4. kawżi li jikkonċernaw stat ċivili, bħal dawk għal dikjarazzjoni jew ċaħda ta' paternitá (Ara **Mikulić vs Croatia § 44; Bock v. Germany § 49; Laino v. Italy [GC] § 18**). 5. Ilmenti mressqa minn individwi li jallegaw li ġew soġġetti għal vjolenza minn uffiċjali tal-pulizija (Ara **Caloc v. France § 120**). 6. Azzjonjiet ta' danni riżultanti minn ħsara fiżika fuq persuna ta' etá avvanzata (Ara **Codarcea v. Romania § 89**). 7. Azzjoni rigwardanti l-ħarsien tad-dritt tal-edukazzjoni (Ara **Oršuš and Others v. Croatia [GC] § 109**). Minn naħa l-oħra ġie stabbilit li ma kienetx meħtieġa diliġenza speċjali f'proċeduri għad-danni mġarrba konsegwenza ta' inċident tat-traffiku (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**).

**75.** Ġie stabbilit li meta, wara analiżi ta' kull wieħed mill-erba kriterji deskritti hawn fuq, jibqa impossibbli li jiġi konkluż jekk iż-żmien raġonevoli ta' proċedimenti kienx osservat f'każ speċifiku, jista' jiġi applikat kriterju addizzjonali. Dan huwa l-evalwazzjoni globali tat-tul kollu tal-proċedimenti fil-każ tenut kont tal-kriterji kollha eżaminati (Ara **Obermeier v. Austria § 72; Manzoni v. Italy § 18; Laghouati and Others v. Luxembourg § 33**). Ġie stabbilit ulterjorment li f'każ li l-kriterji għal valutazzjoni tar-

raġonevolezza taż-żmien fi proċeduri ċivili jkunu intimament relatati, il-Qorti tagħmel ukoll valutazzjoni ġenerali (Ara **Konig v. the Federal Republic of Germany (merits) §§105 and 111; Buchholz v. the Federal Republic of Germany §63; Zimmermann and Steiner v. Switzerland §32; Pretto and others v. Italy §37; Guincho v. Portugal §41**).

**76.** Għalhekk, l-imġieba tal-partijiet tista' żżid il-kumplessitá tal-proċeduri filwaqt li s-sinjifikat tal-eżitu għall-applikant jimmerita diliġenza speċjali eżerċitata mill-awtoritajiet. F'xi każijiet ċertu dewmien sostanzjali ġie perċepiet bħala normali. Madanakollu fil-valutazzjoni ġenerali tagħha l-Qorti sabet ksur taż-żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 § 1 meta ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti: a. It-tul tal-proċedimenti, meqjus fih innifsu u b'mod ġenerali, speċjalment jekk il-Gvern konvenut ma pprovda l-ebda spjegazzjoni (Ara **Obermeier v. Austria §72 Editions; Periscope v. France §44; Messina v. Italy §28; Darnell v. the United Kingdom §21; Allenet de Ribemont v. France §57**); b. L-istat konċernat jirrikonoxxi li huwa fit-tort (Ara **Darnell v. the United Kingdom §20**); c. Eżitu tal-proċedimenti, għallinqas fil-każ ta' out-of-court settlement (Ara **Cormio v. Italy §§16-17**); d. Il-proporzjon tat-tul kollu tal-proċedimenti tal-każ man-numru tal-istanzi tal-qrati li quddiemhom il-każ ġie mistħarreġ (**Cesarini v. Italy §20 (tliet istanzi); Salerno v. Italy §21 (tliet istanzi); Abdoella v. the Netherlands §22 (ħames istanzi); Olsson v. Sweden (No. 2) §§105 and 106 (tliet istanzi); Raimondo v. Italy §44 (żewġ istanzi) Vendittelli v. Italy §29; Hokkanen v. Finland §72 (tliet istanzi)**; e. Dewmien riżultanti

minn difetti proċedurali minkejja li l-awtoritajiet nazzjonali setgħu baqgħu attivi matul il-proċeduri kollha (Ara **Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 213**); f. Ġie wkoll stabbilit bħala mhux aċċettabli proċeduri milquta b'perjodi twal ta' staġnar bla ma tiġi mogħtija ebda spjegazzjoni (Ara **Beaumartin v. France, § 33**).

**77.** L-istudju mis-CEPEJ dwar id-dewmien tal-proċeduri kif ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-QEBD jagħtu linji gwida fuq dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli. Ġie ritenut li, fil-prinċipju, sena għal kull istanza tal-qorti tista' titqies bħala żmien raġonevoli (Ara **Obasa v. the United Kingdom § 35**). Anke sena u nofs ġie meqjus bħala żmien raġonevoli (Ara **Satakunnan Markkinaporssi Oy and Satamedia Oy v. Finland § 88**). Id-durata taż-żmien sa sentejn għal kull stadju ta' ġurisdizzjoni f'każijiet mhux kumplessi ġeneralment tqiesu bħala raġonevoli. Fejn il-proċeduri damu iktar minn sentejn, il-QEBD teżamina l-każ bi skrutinju sabiex tiddetermina jekk kienx hemm raġunijiet oġġettivi għal dan id-dewmien, bħal kumplessita tal-każ jew jekk l-awtoritajiet nazzjonali wrewx diliġenza fil-proċedimenti. F'każijiet kumplessi, il-QEBD tippermetti żmien itwal, iżda tagħti attenzjoni speċjali għal perjodi ta' inattivitá li huma b'mod ċar eċċessivi. L-itwal ħin aċċettat mill-Qorti huwa madankollu rarament aktar minn ħames snin u kważi qatt aktar minn tmien snin ta' dewmien. Fil-każijiet meqjusa bħala ta' prijoritá li fihom kwistjoni partikolari hija f'riskju, il-Qorti ddevjat mill-pożizzjoni ġenerali, u sabet ksur anke jekk il-każ dam inqas minn sentejn f'kull stadju tal-proċeduri. Dan bħal fil-każ fejn l-istat ta' saħħa tal-applikant hija kritika

jew fejn id-dewmien jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall-applikant. L-uniċi każijiet li fihom il-Qorti ma sabitx ksur minkejja t-tul manifestamet eċċessiv tal-proċeduri kienu każijiet fejn l-imġieba ta' l-applikant kienet fattur ewlieni (**European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ): Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights (CEPEJ(2018)26**).

**78.** Issa fil-każ odjern il-Qorti eżaminat l-atti. Tibda biex tgħid li quddiemha ma għandha ebda provi li jispjegaw x'kien id-dewmien għas-snin bejn 1983, is-sena li ttieħdet l-art, u 2019 is-sena li ġie deċiż l-Appell. Għalhekk għall-fini ta' dan l-ilment ser jitqies il-perjodu minn meta sar ir-rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ sakemm sar il-ħlas bis-saħħa tal-kuntratt fuq imsemmi.

**79.** Mill-Atti tal-Bord jirriżulta li sebgħa xhur wara li ġie presentat ir-rikors ġie miżmum l-aċċess mill-Qorti assistitha mill-periti. Fiha kien hemm żewġ xhieda biss. L-anqas ma jidher li kien hemm xi punti legali kumplessi u ħadd mill-partijiet ma ġab ruħu b'mod li jista' jingħad li għamlu li setgħu biex jipprolongaw il-proċeduri, b'dana kollu ħadet 'l fuq minn sentejn biex tkun deċiża.

**80.** Li ttawwal il-kawża esaġeratament kien meta ġew introdotti l-appelli miż-żewġ partijiet. L-appell tar-rikorrenti ġie presentat fl-1 ta' Lulju 2014 u dak tal-Awtorita' tal-Artijiet ġja' Kummissarju tal-Artijiet fl-4 ta' Lulju 2014.

Is-smiegħ ġie appuntat għas-6 ta' Diċembru 2018 u jekk ma tridx id-digriet tal-appuntament għid li "…*sa fejn jippermettu l-Kawzi ghas-smiegh, titmexxa bl-istess speditezza bhal dawn il-Kawzi*" (a' fol 77 tal-atti tal-appell). L-appell ġie deċiż fl-14 ta' Marzu 2019. Dan ifisser kważi ħames snin neqsin erbgħa xhur wara minn meta sar l-appell u dan meta ma instemgħu ebda xhieda jew inqalgħu xi kumplikazzjonijiet partikulari.

**81.** Minn qari tad-digriet tal-appuntament, il-Qorti tat x'tifhem li ma setgħetx tappuntah qabel u x'aktarx minħabba ingorgju ta' xogħol. Dan jista' jkun desunt mill-enuendo "*sa fejn jippermettu l-listi tal-Kawzi*". Din il-Qorti tifhem, li l-impossibbli ma jistax isir iżda fid-dawl tat-tagħlim fuq imsemmi, l-anqas jista' jkun li din il-Qorti ma issibx li f'dan ir-rigward tassew kien hemm ksur tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq minħabba dewmien għaliex iddum kemm iddum Kawża biex tinqata' jew biex tkun appuntata għas-smiegħ ma jwieġibx għan-nuqqas iċ-ċittadin. Jista' jkun li ma hux tort tal-Qorti imma ċertament meta d-dewmien biex ngħatat is-Sentenza huwa tort tal-Istat. Kif ingħad aktar 'l fuq, l-Istat għandu jfittex modi sabiex jiġi żgurat li s-sistemi ġudizzjarji ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti." (**Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall ġustizzja, paġna 150-151; parenteżi ta' din il-Qorti**). Apparti dan, għalkemm sitwazzjonijiet ta' backlog saru komuni, dan ma jiġġustifikax it-tul eċċessiv tal-proċeduri (Ara **Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain § 40**). L-Istat għandu dejjem jara li proċeduri ma jdumux minħabba li l-amministrazzjoni ta' ġustizzja, li minn aspett amministrattiv, hija mankati. Altru letarġija tal-Ġudikant u altru

difetti fis-sistema u fejn il-Ġudikant ma jistax jagħmel mod ieħor pero' xorta qed jinkiser id-dritt ta' smiegħ xieraq. Di fatti, llum din il-Qorti tista' tgħid b'ċertu kunfidenza, li fil-Qorti tal-Appell jidher li din il-mankanza ġiet indirizzata.

**82.** Għaldaqstant din il-Qorti ser issib li d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti tassew kien miksur u ser tillikwida d-danni fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000).

**83.** Fl-aħħar nett trid ukoll titqies ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet li hi ma hiex il-leġittima kontraditriċi.

**84.** Minn eżami tar-rikors promotur jirrisulta li l-ilment tar-rikorrenti mnissel minn dak li jiddisponi artikolu 6 tal-Att I tal-1983 (ara premessa 9). Di piu' jilmenta ukoll minn dewmien irraġjonevoli. Issa din il-Qorti temmen li kemm l-ewwel ilment u aktar it-tieni, ma tistax twieġeb jew tagħti rimedju għalihom l-intimata Awtorita. U għamlu sewwa l-partijiet li talbu l-kjamata in kawża tal-Avukat tal-Istat għaliex kien meħtieġ kemm biex iwieġeb u jagħti rimedju u kif ukoll minħabba l-interess li għandu fil-mertu u għalhekk minħabba l-integrita' tal-ġudizzju.

**85.** F'dan ir-rigward din il-Qorti tfakkar li artikolu 181B(2) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma*

*jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

**86.** Meta sa ftit ilu l-Istat kien għadu rappresentat mill-Avukat Ġenerali ntqal hekk:

"*Id-dmir li joħloq l-istrutturi meħtieġa — sew jekk dawn ikunu qrati kif ukoll jekk ikunu tribunali amministrattivi mmexxija minn imħallfin jew maġistrati jew minn ġudikanti mhux togati— sabiex jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni huwa dmir ta' l-istat. Jekk dik l-istruttura — fil-każ tallum il-Bord ta' l-Appell — tonqos li jħares dawk id-dispożizzonijiet fondamentali, ikun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas. Għalhekk, kontradittur leġittimu huwa l-istat, li, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jidher għalih l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta*" (**Sentenza tad-9 ta' Novembru, 2012 Appell fl-ismijiet Lawrence Fenech Limited et -vs- Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Ġenerali**). Dan it-tagħlim japplika mhux biss fil-każ ta' ilment kontra għelt tal-Qorti iżda ukoll meta jkun indirizzat skont il-liġi jew l-effetti ta' dik il-liġi.

**87.** Dan ifisser li l-intimata Awtorita' tal-Artijiet ser tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

Tillibera lill-intimata Awtorita' tal-Artijiet mill-osservzanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament sa fejn jirrigwarda l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa minn artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja rispettivament iżda tiċħadha kwantu għall-bqija.

**Tilqa' it-tieni talba** u tillikwida d-danni non pekunjarji fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000).

**Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lill-intimat Avukat iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjes jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**